# GIMGHA TAL-PERSUNI B'DIZABILITÀ 2001
# MINI-PARLIAMENT

## IX-XOGHOL U L-PERSUNI B'DIZABILITÀ:
## CAVETTA GHAL KWALITÀ TA' HAJJA AHJAR

Onorevoli Mr. Speaker, sinjuri. Insellmilkom.

Nixtieq nibda dan id-diskors qasir billi nghid li dan li ser nghid hawnhekk ma jaghtix l-istampa shiha ta' l-esperjenzi tal-persuni b'dizabilità u d-dinja tax-xoghol. Biss, fil-hin limitat li ghandi, se nipprova niffoka fuq xi punti ewlenin li l-aktar jolqtu l-persuni b'dizabilità f'dan is-settur.

Ahna nemmnu li x-xoghol jaghti dinjita` u indipendenza lil kulhadd. Imma ghall-persuni b'dizabilità, ix-xoghol jista' jkun ic-cavetta principali biex jiksbu l-indipendenza u l-aqwa kwalita` ta' hajja possibli. Pero' jezistu hafna fatturi li jistghu jtellfu lill-persuni b'dizabilità milli jiksbu dan l-ghan f'hajjithom.

Wahda mill-akbar ostakli hi l-biza' li ghadek issib fost min ihaddem, biza li hi tradotta fi nuqqas ta' rieda biex wiehed jimpjega persuna b'dizabilità. Meta persuna b'dizabilità tapplika ghal impjieg, hafna drabi ssib li s-sid ta' l-azjenda, taht l-ebda cirkustanza, ma jkun irid jimpjega " persuni bhal dawn" .

Hafna drabi din il-forma ta' diskriminizzajoni ma tkunx daqshekk ovvja. Imma l-mod kif issir l-

intervista, jew dak li jintalab jaghmel l-applikant, irendi difficli hafna, jew impossibbli, li persuni b'dizabilita jinghataw dan ix-xoghol --- ghalkemm huma jkunu kkwalifikati biex jaghmluh u bi ftit hsieb ikunu jistghu jsiru modifikazzjonijiet zghar biex il-persuna ma jkollha l-ebda xkiel biex twettaq ix-xoghol.

Hafna mill-postijiet tax-xoghol ghadhom m'humiex accessibli ghal kullhadd. B'hekk insibu, per ezempju, li n-nuqqas ta' accessibilita' fizika tista timpedixxi lil persuna b'nuqqas ta' mobilita' milli ssib l-impjieg xieraq ghaliha.

Meta nitkellmu dwar accessibilita` ma ghandniex nahsbu biss fl-element fiziku. Persuni nieqsa mis-smigh jistghu jkollhom bzonn tà interpretu waqt il-laqghat li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol. Interpretu tal-lingwa tas-sinjali jsolvi din il-problema. Barra minn hekk, hemm il-htiega li l-informazzjoni tkun accessibli billi tkun moghtija f'forom differenti. Jekk hemm membru tal-istaff nieqes mid-dawl ikun hemm bzonn li din l-informazzjoni tkun fuq tape jew miktuba bil-Braille.

Biex din il-problema tittaffa, jekk mhux tissolva ghal kollox, ghandna niehdu bis-serjeta l-bzonn li nahdmu flimkien biex naghmlu dawn il-postijiet, li hafna minnhom huma miftuhin ghall-pubbliku, tassew accessibli ghal kullhadd u dan nistghu naghmluh billi nippjanaw bi hsieb kulhadd.

Kemm il-ligi dwar l-impjieg ta' persuni b'dizabilità ta' l-1969, kif ukoll il-Ligi

Opportunitajiet Indaqs ta' l-2000, iharsu d-drittijiet tal-persuni b'dizabilità fil-qasam tax-xoghol. Imma, biex dawn ikunu effettivi, iridu jiGu implimentati b'certu reqqa. Ghaldaqstant, kull provediment li jezisti f'dawn il-ligijiet ghandhom jiGu mhaddma sal-massimu possibbli.

Hawnhekk, qed nirreferi ghall-providiment tal-kwota tat-2% li titkellem dwaru l-ligi ta' l-1969. Bhala persuni b'dizabilità nemmnu li filwaqt li tajjeb li nuzaw il-perswazjoni ma' l-employers, cioé li naghmlu minn kollox biex nipperswaduhom bil-kelma t-tajba, fl-istess waqt l-entità responsabbli mill-Ligi ta l-1969, il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Impjiegi (l-ETC) ghandha tapplika aktar pressjoni biex, ta' l-inqas l-azjendi l-kbar ikunu konformi mal-kwota tat-2%. Barra milli jkun qed jirrikonoxxi li ghandu responsabilita' socjali, ahna perswazi li l-qasam ta' l-impjieg privat zgur jiggwadanja jekk jiftah aktar il-bibien tieghu ghall-impjiegati b'dizabilità.

Ghaldaqstant, fost l-aktar prijoritajiet importanti, nistghu insemmu l-bzonn:

- li aktar postijiet tax-xoghol ikunu accessibbli ghal kulhadd
- li jsiru kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni ghal min ihaddem dwar il-kapacitajiet ta' persuni b'dizabilita'
- li jkun hemm preparament ghax-xoghol aktar kmieni (nghidu ahna minn 14 il-sena 'l fuq) specjalment ghal persuni b'nuqqas intellettwali

- li jkun hemm flessibilita’ akbar f’dawk li huma hinijiet u processi tax-xoghol u fl-ahhar
- li jkun hawn impjiegi alternattivi ghal persuni li ma jistghux jikkompetu fuq is-suq miftuh.

Dawn huma xi ftit ezempji tal-prijoritajiet li ahna qed nidentifikaw f’dak li l-qasam tax-xoghol, sabiex dan ikun aktar miftuh u accessibli ghal kulhadd. Kif rajna, dawn m’humiex xi rakkomandazzjoniet ta’ barra minn hawn, u hafna drabi lanqas iqumu wisq flus.

Zgur li biex nirnexxu jehtieg rieda tajba minnaha ta’ min ihaddem ghax xi kultant l-akbar ostakli mhumiex dawk fizici imma dawk li jkunu gejjin minn attitudni negattiva. Din l-attitudni zzomm lill-persuni b’dizabilità lura fl-oqsma kollha tal-hajja imma forsi fil-qasam tax-xoghol tispikka aktar ghax hafna nies jaraw id-dizabilità mhux il-persuni, jiffokaw fuq dak li persuna ma tistax taghmel u mhux fuq dak li kapaci taghmel.

Grazzi.

---